MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2010

Numru. 1176/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Mario Haber]**

**vs**

**Nakuma Balu**
**Sekou Danbely Dasra**

**Kumpilazzjoni Numru 1176/2010**

**Illum, 10 ta’ Novembru, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija;

Nakuma Balu, ta’ nazzjonalita Burkina Faso, imwieled Burkina Faso, fl-1 ta’ Jannar, 1990, iben Amadul Balu u Fatuma, u numru moghti mill-Pulizija 08UU-015.

U

Sekou Danbely, ta’ nazzjonalita Mali, imwield fil-Mali, fl-1 ta’ Jannar, 1989, iben Baha Danbely u Dusuba Dasra, u numru moghti mill-Pulizija 08CC-005.

Akkuzati talli fid-9 ta’ Novembru, 2010 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gzejjer meta kellhom fil-pussess taghhom passaporti u dokumenti tar-residenza, mahruga minn awtorita’ kompetenti, cioe’ passaporti u dokumenti tar-residenza Spanjola, mahruga f’isem Fode Keita bin-numru B0209097 u E13064982 rispettivament, u f’isem Fabourama Keita bin-numri A1451026 u E12646299 rispettivament, ittrasferixxew dawn id-dokumenti lil persuna ohra jew ircevew dokumeti li gew ittraseferiti lilhom minn persuna ohra (Kap 61, Sec 3 tal-Ligijiet ta’ Malta).

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu uzu jew ittantaw jaghlu uzu minn Passaporti mahruga lil persuni ohra, cioe’ dawk diga’ imsemmija (Kap 61, Sec 4 tal-Ligijiet ta’ Malta).

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi taw prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta’ fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32 (1)(c) tal-ligijiet ta’ Malta).

Rat l-artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta u 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imutazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-koperazzjoni ta’l-imputati mal-pulizija u l-ammissjoni taghhom f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll in-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta u 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom tlett (3) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------